MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI
IT-TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 15

3 ta' Awwissu 2020

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tnejn, 3 ta' Awwissu 2020, fis-6.30 ta' filgħaxija permezz ta' Zoom, wara li l-Kunsill Lokali kiseb l-approvazzjoni tad-DLG minħabba l-fatt li waħda mill-impjegati kellha kuntatt dirett ma' persuna li rriżultat pożittiva għal Covid-19.

PREŻENTI:

Renald Falzon – Sindku
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Donnha Barbara – Kunsillier
Ralph Puli – Kunsillier
Daniel Ablett - Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Martina Grech - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 15A (3):

George Muscat – Kunsillier

ASSENTI

Dr Josef Masini Vento – Viċi Sindku

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Renald Falzon ippresjeda l-laqgħa.

## 15.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

15.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier George Muscat u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

15.2.1 **Is-Sindku Renald Falzon** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 15, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

**Il-kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 15 ġew approvati b'mod unanimu.

## 15.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

15.3.1 Is-Sindku Renald Falzon infurma li nbeda x-xogħol fuq il-bankina ta' Triq il-Proża u nbeda wkoll ix-xogħol ta' resurfacing fi Triq il-Kanun.

15.3.2 Is-Sindku Renald Falzon infurma li Infrastructure Malta approvat li tagħti kumpens lill-Kunsill Lokali għax-xogħlijiet ta' *resurfacing* li saru fi Triq il-Ħammieri, fuq il-wied.

15.3.3 Il-Kunsillier Charlie Cuschieri staqsa x'sar dwar ix-xogħlijiet ta' Triq is-Santwarju tal-Ħlas, għaliex jidher li x-xogħol għadu ma tlestix. Is-Sindku nfurma li kien hemm xi ħsarat ta' kumpanija privata li topera mill-istess triq u mhux mit-triq direttament. Il-Kunsillier Carmel Cuschieri qal li huwa nfurmat li t-tappiera nieqsa li hemm fit-triq hija bokka ta' bir.

15.3.4 Il-Kunsillier Donnha Barbara ġibdet l-attenzjoni dwar il-problema ta'drenaġġ minn razzett privat li jinsab fi Triq ix-Xitwa, fejn minkejja l-bosta rapporti li saru baqa' ma ttieħdet l-ebda azzjoni. Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia qal li rċieva filmat tas-sitwazzjoni, liema sitwazzjoni mhiex aċċettabbli. Is-Sindku Renald Falzon spjega li din iz-zona kienet parti mill-proġett Ewropew u l-Kunsill huwa marbut għal ħames snin, iżda se jara li jiddiskuti mal-entitajiet responsabbli sabiex tiġi nstallata sistema tad-drenaġġ adegwata. Il-Kunsillier Donnha Barbara pproponies li ssir laqgħa mal-Ministru għall-Ambjent u l-Ministru tas-Saħħa dwar din il-kwistjoni.

## 15.4 Talba għal Telework minn waħda mill-impjegati tal-Kunsill Lokali

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda talba ta' waħda mill-impjegati fejn qed titlob li tibda taħdem bit-telework, malli tittermina l-Maternity Leave. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li talbet gwida mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar din it-talba

minħabba l-fatt li skont il-liġi u skont il-ftehim kollettiv għall-impjegati tal-Kunsill, l-impjegati mhux intotalati għat-telework. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li għamlet kuntatt mal-Union li tirrapreżenta lill-impjegati, fejn ġiet infurmata li l-liġi tat-telework titlob li 60% tal-ħin għandu jsir fl-uffiċċju filwaqt li 40% isir bit-telework.

Wara diskussjoni bejn il-membri ġie maqbul li jiġi offrut li l-impjegata taħdem siegħat kuljum mill-uffiċċju; 4.8hrs fl-uffiċċju u l-kumplament ta' siegħat isiru mid-dar.

## 15.5 Mozzjonijiet

### 15.5.1 Mozzjoni Nru 55 imressqa mill-Kunsillier Ralph Puli

*Billi l-Kunsill Lokali Qormi huwa kommess li joffri hajja ta' serhan il-mohh u ta' sigurta lir- residenti f' Hal Qormi u lil familji taghhom:*

*Nipproponi li l-Kunsill Lokali Qormi*

*Jaghmel dak li hu necessarju biex is-sitwazzjoni ta' periklu li tezisti fl-istruttura ta' Gnien De La Cruz tigi moghtija l-attenzjoni mecessarja sabiex nevitaw hsara li tista ssir minhabba din is-sitwazzjoni. (Ritratt anness)*

Il-**Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ssekonda l-mozzjoni.

Ivvutaw Favur Għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

## 15.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

15.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Lulju 2020.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa dwar il-pagament relatat mar-restawr tal-istatwa ta' San Ġorġ, jekk dan hux il-full and final payment. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan huwa biss part payment.

Il-Kunsillier Marvin Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

Il-Kunsillier Ralph Puli ssekonda.

Il-Kunsill approva l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Lulju 2020.

## 15.7 Rapporti ta' Sotto Kumitati

**15.7.1** Is-Sindku Renald Falzon infurma li x-xogħlijiet ta' restawr tal-istatwa ta' San Ġorġ waslu fil-fażi finali u qed jiġi ppjanat li jiġi inawgurat fl-4 ta' Settembru. Is-Sindku qal li l-

Kunsill irid jimxi mad-direttivi maħruġa mill-Ministeru tas-Saħħa, minħabba r-restrizzjonijiet tal-Covid-19.

**15.7.2** Il-Kunsillier Marvin Zammit staqsa x'azzjoni se tkun qed tittieħed dwar l-ilmenti ta' nuqqas ta' ndafa fil-wied, fejn ilha tinħass għal ġimgħat sħaħ. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għandu jkun il-Kunsill Lokali li jieħu deċiżjoni dwar jekk għandhiex tinħareġ default notice.

**15.7.3** Il-Kunsillier Marvin Zammit staqsa jekk kienx hemm progress dwar il-kwistjoni tal-parkeġġ għar-residenti. Is-Sindku Renald Falzon spjega li Transport Malta kienet waqqfet din l-iskema, iżda se jkun qed jaħdem fuq is-sistema tar-Residential Parking kif titħaddem fil-Furjana.

**15.7.4** Il-Kunsillier Marvin Zammit staqsa jekk hux possibli li jinfetaħ il-wied, b'mod partikolari wara l-istatwa tal-Irxoxt. Is-Sindku nfurma li fil-korsija tal-ilma mhux permess li jsir il-parkeġġ. Dan minbarra l-fatt li nħarġet ordni mill-Qorti sabiex jitwaħħlu tabelli 'Flood Zone Area'.

**15.7.5** Il-Kunsillier Ralph Puli nfurma li qed isir sewqan eċċessiv fi Triq id-Dragun.

**15.7.6** Il-Kunsillier Ralph Puli nfurma li kellu bosta lmenti dwar ir-rimi ta' boroż tal-iskart fi Vjal de la Cruz, fejn ir-residenti qed jintalbu jħallu l-iskart quddiem l-entratura tal-blokki, bil-konsegwenza li dawn il-boroż se jkunu qed jostakolaw il-bankini. Il-Kunsillier Ralph Puli staqsa jekk hux possibli li l-Kunsill jiddiskuti mal-Awtorita' tal-Ippjanar u jistaqsi għaliex inħareġ il-permess għall-blokka flats mingħajr garbage room. Is-Sindku spjega li fil-każ ta' garbage room, ir-residenti jridu jaħtru lil xi ħadd li jkun responsabbli mill-iskart. Is-Sindku spjega li mhux aċċettabli li l-boroż jintefgħu fuq iċ-ċint tal-ġnien u r-residenti għandhom jikkoperaw. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ġibed l-attenzjoni dwar il-fatt li l-organic waste qed jinġabar wara l-boroż suwed/riċiklabbli.

Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia semma l-kwistjoni tal-ħġieġ u ppropona li dan jibda' jinġabar f'ġurnata oħra, mhux il-Ġimgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li sabiex isir dan it-tibdil, irid ikun tibdil fl-Avviż Legali. Għaldaqstant ġie approvat li malli jkun se jsir it-tibdil tal-Legal Notice, l-Kusnill jagħmel it-tibdil meħtieġ.

**15.7.7** Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ppropona li fil-laqgħa li jmss jitressqu l-kuntratti kollha għad-diskussjoni, sabiex il-Kunsill jara li l-kuntratturi qed jimxu mat-technical specifications tal-kuntratti.

**15.7.8** Il-Kunsillier Martina Grech infurmat lill-membri li minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid-19 il-laqgħa pjanata mal-għaqdiet taż-żgħażagħ kellha tiġi posposta mingħajr data.

**15.7.9** Il-Kunsillier Donnha Barbara talbet li tkun skużata. Hija ħarġet mil-laqgħa fis-7.40p.m.

**15.7.10** Il-Kunsillier Daniel Ablett infurma li minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid-19 il-fitness classes se jiġu posposti wkoll, filwaqt li l-attivita' tar-roti se ssir, jekk kemm-il darba ma jkunx hemm miżuri oħra mill-Ministeru tas-Saħħa.

15.7.11 Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ġibed l-attenzjoni tal-membri dwar is-sitwazzjoni ta' barranin li qed jinġemgħu fi Triq il-Mitħna, Triq Ħal Qormi, taħt il-pont u Triq Manwel Dimech. Is-Sindku Renald Falzon nfurma li għaddejja ħidma minn LESA sabiex ħadd ma jitħalla jieqaf biex jgħabbi dawn il-barranin, minħabba l-fatt li dawn it-tlett postijiet huma toroq arterjali u mhux permess ta' waqfien ta' vetturi.

15.7.12 Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ġibed l-attenzjoni li l-lights ta' Triq l-Imdina, fejn kien l-ex Shopwise, jinsabu mgħottija bis-siġar.

15.7.13 Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ġibed l-attenzjoni dwar l-iscaffolding li hemm armat quddiem l-entratura tal-garaxx tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ntlaħaq ftehim ma' sid il-propjeta' sabiex ineħħi xi ħadid biex ikun possibli li jinfetaħ il-bieb tal-garaxx.

15.7.14 Il-Kunsilllier Dr Sean Apap Meli staqsa jekk ġietx approvata l-bollard fi Triq San Pietru. Is-Sindku kkonferma li Transport Malta ħarġet l-approvazzjoni u l-bollard se tkun qed tiġi nstallata mill-ħaddiema tal-Kunsill fil-ġranet li ġejjin.

15.7.15 Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-problema tal-ilma tax-xita fi Triq San Pawl ma Triq San Franġisk. Is-Sindku Renald Falzon infurma li l-kuntrattur tal-Kunsill applika għall-permessi meħtieġa u Infrastructure Malta approvat li tħallas l-ispejjeż.

15.7.16 Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa jekk ix-xogħol fi Triq il-Kanun hux se jkun qed jitlesta qabel jibdew l-iskejjel. Is-Sindku spjega li dan ix-xogħol jinvolvi xogħlijiet tal-entitatjiet bħal mains ġodda tal-ilma, mains ġodda tad-drenaġġ u cabling tal-GO plc. Il-Kuntrattur tal-Kunsill qed jagħmel dak kollu possibli sabiex ix-xogħlijiet isiru fiż-żminijiet stipulati.

15.7.17 Is-Sindku Renald Falzon infurma lill-membri li dawk il-Kunsilli Lokali li għandhom spazji fejn jakkomodaw il-Community Policing, se jkunu qed jibbenefikaw minn tal-ewwel minn dan is-servizz.

15.7.18 Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia nfurma li qed jitbaxxa d-dawl tar-residenzi f'bosta zoni u qed jinqata' ta' spiss.

15.7.19 Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia nfurma li l-letrini pubbliċi jinsabu fi stat ħażin ħafna. Is-Sindku spjega li qed isir pjan sabiex tinħareġ tender u l-letrini jsiru bħal tal-Belt VALLETTA.

15.7.20 Il-Kunsillier Marvin Zammit staqsa jekk hux se tkun qed tittieħed azzjoni dwar in-nuqqasijiet minn ċertu kuntratturi. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarkat li jkun għaqli jekk il-Kunsill jaħtar 'Procurement Committee' sabiex ifassal Technical Specifications fuq servizzi li jingħataw mill-Kunsill.

15.7.21 Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia staqsa jekk hux possibli li l-Kunsill jgħaddi t-talba sabiex tiżdied il-frekwenza tar-Rotta 63.

15.7.22 Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia staqsa x'se jkun qed isir dwar is-sitwazzjoni tal-anti skid fi Triq San Bastjan u Triq San Pietru. Is-Sindku spjega li l-istimi huma għoljin mhux ħażin iżda l-Kunsill għandu jara li tinstab soluzzjoni, qabel jibda' l-maltemp.

15.7.23 Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ġibed l-attenzjoni sabiex isir it-tindif tar-rainwater culverts li għandna fil-lokalita'. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Works Order lill-kuntrattur inħarġet u se tara li jkollha update ta' fejn sar it-tindif.

## 15.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

15.8.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.30p.m. u ġiet aġġornata għat-**Tlieta 1 ta' Settembru 2020** fis-6.30p.m.

Konfermati, illum 1 ta' Settembru 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| ________________________ | ________________________ |
| Renald Falzon | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |